MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 384/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Rev. Alfred Sacco u l-istess Rev. Alfred Sacco**

**Vs**

**Simone Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Frar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm598.65) risarciment ta' danni inkwantu Lm573.65c lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) lil Rev. Alfred Sacco minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Sliema fil-5 ta' Awissu, 2002, meta waqt li l-konvenuta**

**kienetx qed issuq vettura Nru. SIM 120 habtet mal-vettura Nru SDB 010, propjeta' tal-attur Rev. Alfred Sacco u misjuqa minn Eric Cachia, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre d-danni u l-ispejjez tal-kawza, l-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-12 ta' Dicembru, 2002 u l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata konteswalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mit-12 ta' Dicembru, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mula ghas-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi l-kaz in ezami jirrigwarda kollizzjoni li sehhet f'Depiro Street, kantuniera ma' St Francis Street, Sliema fil-5 ta' Awissu 2002, bejn il-vettura SDB 010 misjuqa minn Eric Cachia u assikurata mas-socjeta' attrici u l-vettura SIM 120 misjuqa mill-konvenuta.**

**Jirrizulta illi l-attur kien ghaddej Depiro Street u meta wasal fil-kantuniera ma' St Francis Street, il-konvenuta harget, qasmet it-triq, u applika l-break pero' habtu. Jirrizulta li ghall-incident kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba li ma kienetx attenta waqt li hierga u qed taqsam Depiro Street.**

**Id-danni ghall-incident huma dawk indikati fl-avviz. Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal isib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li**

**sehhet u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma hames mija u tlieta sebghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm573.65c) u hamsa u ghoxrin lira (Lm25)lill-attur, bl-imghaxijiet mit-12 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-12 ta' Dicembru, 2002 u l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata konteswalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------